MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 629/2002

**Mario Sapiano u Jacqueline Azzopardi**

**vs**

**Anthony Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-22 ta' Ottubru, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut iilli jhallas s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) rapprezentanti danni sofferti minnhom fil-prezz li hallsu lill-konvenut fuq it-trasferiment tad-dghajsa tat-tip Coronet, numru ta' registrazzjoni 5500 u jiehu lura l-istess dghajsa billi irrizulta li l-istess m'hijiex tal-kwalita pattwita ai termini ta' l-artikolu 1390 tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez  u l-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Anthony Cassar fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok jigi eccipit li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi d-dghajsa tat-tip Coronet, numru tar-registrazzjoni 5500, kienet ippruvata u accettawha l-istess atturi qabel akkwistawha. In oltre d-dghajsa meritu ta’ din il-kawza hija d-dghajsa li effettivament giet ikkunsinjata lill-atturi.

3. Illi skond l-iskrittura annessa u mmarkata Dok MA 1, l-atturi akkwistaw u accettaw id-daghajsa mertu ta' din il-kawza fl-istat li kienet fid-data tal-bejgh u ghalhekk il-konvenut m'h’wiex responsabbli ghal ebda danni kif reklamati fl-avviz.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti se tghaddi biex tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni imqajjma mill-konvenut. Dina hija abbinata ma’ l-Artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi li l-azzjoni li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga lura mill-kuntratt jintilef minn dak in-nhar tal-kuntratt.

Irrizulta mill-provi illi fl-14 ta’ Lulju tas-sena 2000, il-partijiet iffirmaw skrittura fejn il-konvenut biegh lill-atturi cabin cruiser tal-marka Coronet 27, numru tar-registrazzjoni 5500 bil-prezz ta’ ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) u l-kondizzjonijiet hemm indikati (fol 16).

Il-konvenuti hadu konsenja tal-cabin cruiser, pero' wara xi zmien bdiet tizviluppalha xi hsarat, kellha hsara fil-magni u kienet taghmel l-ilma. Skond l-atturi huma avzaw lill-konvenut li accetta li jikkontribwixxi ghall-ispejjez billi jcedi pagament ta' hames mitt lira. Dana pero' gie kontestat. Meta l-atturi raw illi s-sitwazzjoni baqghet l-istess u ma kienx hemm koperazzjoni minn naha tal-venditur, istitwew din il-kawza fit-22 ta' Ottubru, 2002. Ghalhekk jekk wiehed iqies il-perjodu bejn il-ftehim tal-14 ta' Lulju, 2000 u t-22 ta' Ottubru, 2002 it-terminu imsemmi fl-artikolu 1407(1) fuq imsemmi ghadda favur il-konvenut.

L-atturi pero' qeghdin jghidu li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni meta l-konvenut accetta illi jcedi pagament ta' hames mitt lira (Lm500) sabiex jaghmel tajjeb ghal hsarat li kien hemm fil-lanca. Apparti l-fatt illi dana ma jirrizultax mix-xhieda moghtija mill-konvenut. Kif tajjeb osserva l-istess konvenut fin-nota tal-osservazzjoni tieghu, it-terminu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407(1) hu wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni f'liema kaz ma jistax jigi interrott.

Fil-kawza rapportata fil-Vol. XXVIII part 2 pg. 922, il-Qorti qalet li t-terminu msemmi huwa terminu ta' dekadenza u ta' rigur u ghalhekk mhux suggett ghal interruzzjoni jew sospensjoni bhal fil-kaz ta' preskrizzjoni (Vol XX part 1 pg. 316 u Vol. XX part 1 pg. 280). Aktar ricenti ghandna l-kawza rapportata (Vol. XXXI part 1 pg. 678) fejn qalet li:
"Id-dritt li ghandu x-xerrej kontra l-venditur bis-sahha tal-artikolu 1104 (illum 1039) ta' l-Ordinanza VII 1868 fil-kaz li l-oggett tal-bejgh ma jkunx tal-kwalita' miftehma ghandu jigi esercitat fiz-zmien sentejn".

F'Buttigieg vs Hurst (Vol. XXXII part 1 pg.163) il-Qorti tal-Appell qalet:
"Jekk l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun kaz ta' inadempjenza tal-kuntratt, li ma ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji. Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh, sakemm ma jkunx intilef dan id-dritt b'fatt tieghu stess".

Il-Qorti jidhrilha illi f'din il-kawza l-atturi tilfu dan id-dritt peress li ghadda inutilment it-terminu stabbilit ghall-azzjoni taghhom, liema terminu kif gja inghad, ma jistax jigi interrott.  Huwa inutili illi l-atturi jghidu li l-konvenut irrikonoxxa illi kien hemm difett fil-lanca, ghax dan ukoll ma jinterrompix it-terminu stabbilit.  L-awtur taljan Torquato Cuturi fil-ktieb awtorevoli tieghu 'Della Vendita, della Cessione, e della Permuta', jghid f'pagna 455:
*"Il venditore che riconobbe l'essistenza dei vizzi o dei diffetti denunziati o che vienne a trattattive, ammettendo anche in certe limite, la verita' della denunzia, non interrompe la decorrenza del termine, ma rinunzio' ad opporre la relattiva eccezzione, puo sorgere disputa se nel caso di trattattive, si possa veramente affermare tale rinunzia, ed e' quistione di fatto, da rimettere alla sapienza del Magistrato."*

Mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi kien hemm xi trattattivi bejn il-partijiet illi b'xi mod il-konvenut kien irrikonoxxa illi kien hemm xi difett serju fil-lanca illi biegh lill-atturi.  Fi kwalukwe kaz, dan zgur illi ma opponix ghar-*relattiva eccezzione* il-ghaliex proprju semmiha fin-nota tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, li f'dan l-istadju l-atturi tilfu d-dritt taghhom illi jaggixxu kontra l-konvenut ghar-risoluzzjoni tal-bejgh tal-lanca fuq imsemmija u dana peress li t-terminu stabbilit fl-artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili ghadda inutilment, liema terminu huwa wiehed ta' dekadenza u ma jistax jigi nterrott.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta u quindi tichad it-talba bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------